MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **25 ta' Marzu 2020** **Ref: DDLTS 9/2020**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett:** **Serje ta' webinars tal-eTwinning April 2020**

---

Is-servizz ta ' appoġġ nazzjonali tal -eTwinning Malti se jorganizza serje ta ' webinars għall-edukaturi Maltin li huma interessati li jitgħallmu dwar l-eTwinning u għodod oħra. Matul dawn il-webinars se nkunu qed nesploraw l-għodod u r-riżorsi varjati li jinsabu fil-pjattaforma tal-eTwinning. Se nesploraw ukoll diversi għodod web 2.0 u kif dawn jistgħu jiġu integrati fi proġetti u fil-klassi.

Dati: 1 t'April – eTwinning Platform - eTwinningLive - TwinSpace
3 t'April – FlipGrid, Kahoot & eBooks
6 t'April - Pollmaker, Thinglink, Collage Maker & Jigsaw Planet
8 t'April - The National Quality Label - Criteria and Application
9 t'April – eTwinning Platform - eTwinningLive – TwinSpace

**Ħin: 15.00 -16.00**

**Reġistrazzjoni u applikazzjoni**
Il-webinars se jsiru fuq il-pjattaforma tal-eTwinning. Għalhekk il-parteċipanti jeħtieġ li jkunu rreġistrati fuq il-pjattaforma tal-eTwinning qabel is-sessjoni fuq www.etwinning.net. Għal aktar informazzjoni dwar kif tirreġistra fuq l-eTwinning ibgħat email fuq: *etwinning@ilearn.edu.mt*
Biex tipparteċipa l-edukaturi interessati huma ġentilment mitluba japplikaw hawn: https://bit.ly/2wA2ZJR
Is-servizz ta ' appoġġ nazzjonali tal-eTwinning imbagħad se jikkuntattja lill-applikanti kollha u jibgħathom link għas-sessjoni kif ukoll struzzjonijiet dwar kif tissieħeb.

Sigħat Self-Sought
Il-parteċipanti li jattendu dawn il-webinars huma intitolati li japplikaw għat-taħriġ Self-Sought peress li l-attendenza hija fuq bażi volontarja u wara l-ħinijiet tal-iskola.
Għal aktar informazzjoni jew mistoqsijiet Ibgħat email lil: *etwinning@ilearn.edu.mt*

Grazzi

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**